**Ruling mogħti mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia fis-seduta 319 tas-6 ta' Marzu 2025 dwar ilment ta' ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Prim Ministru dwar kliem li ntqal fil-konfront tiegħu mill-Onor. Karol Aquilina fis-seduta tal-25 ta' Frar 2025**

Fis-seduta tat-Tlieta, 25 ta' Frar 2015, waqt li l-Prim Ministru kien qed jagħmel stqarrija ministerjali dwar is-serqa ta' droga minn container li kien fuq proprjetà tal-Forzi Armati ta' Malta, l-istess Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, talab lis-Sedja, u nikkwota:

> "Sur President, irid jirtiraha, li jgħidli sħab tal-kriminali. Jirtiraha. Mhux se naċċetta li jgħidli sħab tal-kriminali. Jirtiraha jrid. Sur President, se nitlob ruling u ksur ta' privileġġ."

Hawnhekk l-Onor. Karol Aquilina, off mic, reġa' rrepeta li l-Prim Ministru huwa sħab mal-kriminali. Imbagħad il-Prim Ministru reġa' qal:

> "U jien wisq inqas minnek. Sur President, l-Onor. Karol Aquilina għadu kif esprima kliem fil-konfront tiegħi li jien sħab mal-kriminali. Jirtirah minnufih irid dan il-kliem."

Hawnhekk is-Sedja qalet hekk:

> "Jekk mhux se tirtiraha se jkolli nagħti ruling fuq id-diskors."

Hawnhekk l-Onor. Karol Aquilina, minkejja li ma kellux il-kelma, jinstema' jgħid:

"...quddiem il-Kumitat tal-Privileġġi ..."

Għal dan il-Prim Ministru rrisponda:

"Mela titla'."

Hawnhekk l-Onor. Karol Aquilina jinstema' jgħid ukoll:

"Tellgħuni mela."

Imbagħad il-Prim Ministru kompla hekk:

"Sur President, il-kawtela li esprimejt ilbieraħ u li qed nerġa' neżerċitaha llum wasslet ukoll biex bl-ebda mod ma jiġu mfixkla l-investigazzjonijiet. Però se nsemmi punt wieħed ġaladarba l-Onor. Karol Aquilina għoġbu jagħmel dik l-assoċjazzjoni; x'kien qal l-Avukat Ġenerali Anthony Borg Barthet meta ... U żgur li ma jriduniex ngħidha u ma taqsam xejn ... fi żmien meta taw il-maħfra presidenzjali lit-traffikant tad-droga, lill-baruni tad-droga Queiroz."

Is-Sedja tagħmel referenza għall-kummenti li qal l-Onor. Karol Aquilina li ċertament huwa kumment li jaqa' taħt l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, partikolarment artikolu 11, paragrafu (4), subparagrafu (b) li jgħid:

"Dawn li ġejjin ikunu r-reati kontra dan l-Att, jiġifieri -

kull insult jew nuqqas ta’ qima lill-persuna li tkun tippresjedi laqgħa tal-Kamra jew ta’ xi kumitat tagħha u kull insult jew nuqqas ta’ qima lil wieħed mill-Membri tal-Kamra, ukoll jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti fil-waqt tal-insult jew tan-nuqqas ta’ qima, meta fil-każ il-wieħed jew l-ieħor l-insult jew in-nuqqas ta’ qima jsiru quddiem il-Kamra jew ta’ xi kumitat tagħha waqt xi laqgħa tagħhom;”

Is-Sedja tinnota wkoll li l-ilment dwar il-ksur ta’ privileġġ tqajjem fl-ewwel opportunità

Is-Sedja tagħmel referenza wkoll għar-ruling li tat fis-seduta 144 tal-5 ta’ Mejju 2014, fejn is-Sedja qalet hekk:

> “Il-liġi hawnhekk tagħmilha ċara li biex dak li jkun qal Membru, f’dan il-każ allura dak li qal l-Onor. Anton Refalo, jitqies bħala insult, irid ikun insult li jkun indirizzat lejn il-persuna identifikabbli bħala Membru ta’ din il-Kamra. Fil-fatt il-liġi tgħid “lil wieħed mill-Membri tal-Kamra” jiġifieri l-persuna trid tkun identifikata. Dan joħroġ ċar minn artiklu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali fejn jingħad li l-inġurja trid tkun indirizzata lejn persuna identifikabbli, u nikkwota:
>
> > “Kull min, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta’ xi ħadd, iweġġgħu bil-kliem b’ġesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod ieħor, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta’ priġunerija għal żmien aktar minn tliet xhur jew il-multa.”.

Is-Sedja fl-aħħar nett tagħmel ukoll referenza għal rulings mogħtija minnha stess fuq l-istess materja fis-Seduti 279 tat-22 ta’ Ġunju 2015 u fis-Seduta 329 tal-20 ta’

Novembru 2015 fost oħrajn fejn iddikjarat ruħha kompletament kontra l-użu ta' kliem mhux parlamentari fil-konfront tal-Membri.

Għalhekk is-Sedja, wara li l-Onor. Karol Aquilina qal lis-Sedja li mhux talli mhux se jirtira l-kliem li qal fil-konfront tal-persuna identifikabbli bħala l-Prim Ministru imma jinstema' jgħid ukoll :

"Tellgħuni mela [quddiem il-Kumitat Parlamentari dwar il-Privileġġ]."

Is-Sedja, tapprezza u tifhem li dakinhar, seta' ntqal diskors fis-saħna tal-mument, anke jekk qatt ma jista' jkun aċċettabbli, u li f'ċirkostanzi oħra ma kienx jingħad. Għalhekk is-Sedja, qabel ma tagħti d-deċiżjoni tagħha, qiegħda tagħti l-aħħar opportunità lill-Onor. Karol Aquilina, sabiex jirtira dak li qal fil-konfront tal-Prim Ministru fis-seduta tal-25 ta' Frar.

*Dikjarazzjoni mill-Onor. Karol Aquilina*

Peress li l-Onor. Karol Aquilina ddikjara li mhux se jirtira d-diskors indikat, is-Sedja qiegħda ssib lill-Onor. Karol Aquilina *prima facie* ħati ta' ksur ta' privileġġ u tirreferi l-każ lill-Kumitat Parlamentari dwar il-Privileġġi.

Ir-ruling huwa deċiż.